C/2026/2778

29.5.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/2778)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Fara"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-IT-A1178-AM03 — 2.3.2026

1. **Isem il-prodott**

Fara

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

☐ IĠ

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

L-Italja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sovranità tal-Ikel u l-Forestrija – id-Dipartiment għas-Sovranità tal-Ikel u għall-Isports Ekwestri – id-Direttorat Ġenerali għall-Promozzjoni tal-Kwalità Agroalimentari – PQA I

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

Nikkonfermaw li l-approvazzjoni u l-komunikazzjoni ta' din l-emenda standard jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda standard skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan.

Din l-emenda taqa' taħt id-definizzjoni ta' "emenda standard" stabbilita fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 minħabba li:

— ma tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew prodotti identifikati bl-indikazzjoni ġeografika;

— ma tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika msemmija fid-dokument uniku;

— ma tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i

Titolu

Korrezzjoni tat-titoli tal-artikoli

Deskrizzjoni

Fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, xi titoli ta' artikoli ġew ikkoreġuti biex ikunu konformi mal-ispeċifikazzjoni standard.

L-emenda tikkonċerna l-Artikoli 2, 4, 5, 6, 8 u 9 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Proporzjonijiet fit-taħlita tal-varjetajiet tal-għeneb u l-varjetajiet komplementari

Deskrizzjoni

It-taħlita tal-varjetajiet tal-għeneb ġiet emendata. Preċedentement ir-rekwiżit kien li l-proporzjon ta' Nebbiolo jkun bejn 50 % u 70 %. Il-proporzjon minimu issa ġie stabbilit għal 60 %. Għalhekk, il-varjetajiet tal-għeneb komplementari huma permessi sa massimu ta' 40 %. Il-varjetajiet tal-għeneb komplementari li jistgħu jintużaw ma għadhomx dawk kollha adattati għall-kultivazzjoni fir-reġjun tal-Piemonte, iżda l-Vespolina u l-Uva Rara biss.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Altitudni tal-vinji

Deskrizzjoni

L-altitudni minima tal-vinji żdiedet minn 180 għal 200 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Rendimenti massimi

Deskrizzjoni

L-artikolu kollu dwar ir-regoli vitikulturali, ir-rendimenti u l-karatteristiċi tal-kwalità tal-għeneb ġie miktub mill-ġdid għal aktar ċarezza. Barra minn hekk, ir-rendimenti tnaqqsu. Speċifikament, ir-rendiment massimu għal kull ettaru għall-għeneb imkabbar apposta għat-tip ta' nbid standard tnaqqas minn 10,00 għal 9,00 tunnellati għal kull ettaru. Għat-tip ta' nbid li jġib it-terminu "Riserva", dan tnaqqas minn 9,00 għal 8,10.

Din l-emenda taffettwa l-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-Taqsima 7.2 ("Rendimenti massimi") tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum

Deskrizzjoni

Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum tat-tip ta' nbid standard żdiedet minn 11,50 % għal 12,00 %. Għat-tip ta' nbid li jġib it-terminu "Riserva", dan żdied minn 12,00 % għal 12,50 %.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Sena tat-tħawwil tal-vinji għat-tip ta' nbid bit-terminu "Vigna"

Deskrizzjoni

L-età minima tat-tħawwil għat-tip ta' nbid bit-terminu "Vigna" tnaqqset minn 5 snin għal 3 snin.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Ir-rendiment massimu tal-għeneb fl-inbid lest

Deskrizzjoni

Minħabba t-tnaqqis fir-rendiment massimu tal-għeneb għal kull ettaru, ir-rendiment massimu tal-għeneb fl-inbid lest tnaqqas minn 7 000 għal 6 300 litru għat-tip ta' nbid standard, u minn 6 300 għal 5 670 litru għat-tip ta' nbid bit-terminu "Riserva".

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Rendiment massimu tal-għeneb/inbid fi tmiem il-perjodu tat-tqaddim

Deskrizzjoni

Ġie stabbilit limitu massimu għall-ammont tar-rendiment tal-għeneb trasformat fi nbid fi tmiem il-perjodu obbligatorju tat-tqaddim: ma jridx jaqbeż it-68 %. Dan sussegwentement jiddetermina l-produzzjoni massima tal-inbid f'litri għal kull ettaru, kemm għat-tip ta' nbid standard kif ukoll għat-tip li jġib it-terminu "Riserva".

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Żieda fil-btieti

Deskrizzjoni

Fir-rigward tal-perjodu tat-tqaddim, ġie speċifikat li ż-żieda hija permessa bi nbid ekwivalenti, inkluż inbid maħżun f'tipi oħra ta' kontenituri, sabiex jinkiseb l-ammont ta' rendiment iddikjarat.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Termini tat-tikkettar permessi

Deskrizzjoni

Dwar it-termini tat-tikkettar permessi, l-Artikolu 7(2), it-test li ġej ġie fformulat mill-ġdid:

"2. Fid-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tal-inbid bid-denominazzjoni tal-oriġini protetta 'Fara', huwa permess li tintuża formulazzjoni li tirreferi għal ismijiet, ismijiet ta' negozji u marki privati sakemm ma jkollhomx skop ta' tifħir u ma jkunux probabbli li jqarrqu bil-konsumatur".

Il-verżjoni l-ġdida tgħid:

"Madankollu, huwa permess li tintuża formulazzjoni li tirreferi għal ismijiet, ismijiet ta' negozji u marki privati li ma jkollhomx skop ta' tifħir u ma jkunux probabbli li jqarrqu bil-konsumatur."

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Rabta maż-żona ġeografika

Deskrizzjoni

L-artikolu dwar ir-rabta mal-ambjent ġeografiku ġie aġġornat u miktub mill-ġdid għal aktar ċarezza. Il-verżjoni l-ġdida, min-naħa tagħha, ġiet inkluża fid-dokument uniku.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 9 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-Taqsima 10 "Rabta maż-żona ġeografika" tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Tħassir tar-referenza għall-korp ta' kontroll.

Deskrizzjoni

L-Artikolu fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li jipprevedi referenzi għall-korp ta' kontroll ġie emendat, u l-informazzjoni ġiet issostitwita b'referenza għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Korrezzjonijiet formali

Deskrizzjoni

Fi ħdan l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, saru korrezzjonijiet editorjali sabiex titjieb iċ-ċarezza tat-test u jitneħħew l-iżbalji. Speċifikament, l-emendi jikkonċernaw:

— l-inklużjoni tal-frażi "Fara" ma' "inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Fara u Fara Riserva" fl-Artikolu 2;

— it-tneħħija tat-terminu żbaljat "Bonarda novarese" bħala sinonimu ta' "Uva Rara" fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 2;

— is-sostituzzjoni tal-formulazzjoni "fuq l-azjenda tal-għeneb mill-varjetajiet li ġejjin" bil-formulazzjoni "minn għeneb minn varjetajiet stabbiliti fuq l-azjenda tal-varjetà" [*sic*]

— it-tneħħija ta' referenzi skaduti għar-regoli, issostitwiti b'referenza għal "regolamenti fis-seħħ" fl-Artikoli 5 u 7;

— sostituzzjoni tat-terminu "prodott" bit-terminu aktar korrett "lott" fl-Artikolu 5;

— l-inklużjoni tad-dettall "li jġib ukoll it-terminu Vigna" u t-tneħħija tat-terminu "fwieħa" mill-paragrafu 2 tal-Artikolu 6;

— sostituzzjoni ta' "Fara u Fara Riserva" b'"Fara fil-forom kollha tagħha" fl-Artikoli 7 u 8;

— fl-Artikolu 7, il-frażi "deskrizzjoni għajr Riserva" ġiet issostitwita b'"deskrizzjoni għajr dawk stabbiliti f'din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott".

L-emenda tikkonċerna l-Artikoli 2, 5, 6, 7 u 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Paragrafi sostitwiti mħassra

Deskrizzjoni

Il-paragrafi 4, 5 u 6 tal-Artikolu 4 u l-paragrafu 3 tal-Artikolu 6 tħassru peress li ma kinux meħtieġa.

L-emenda tikkonċerna l-Artikoli 4 u 6 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

Titolu

Imballaġġ u kapaċitajiet permessi

Deskrizzjoni

L-artikolu dwar l-imballaġġ ġie fformulat mill-ġdid biex jispeċifika l-forom u l-mezzi ta' għeluq permessi tal-fliexken u biex iżid il-kapaċità permessa tal-fliexken.

Din l-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-Taqsima 11 "Rekwiżiti oħra applikabbli" tad-dokument uniku.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

"Fara"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-IT-A1178-AM03 — 2.3.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Fara

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

L-Italja

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 — Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Fara inkluż li jġib it-terminu "Vigna"

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Kulur: aħmar lewn ir-rubin;

Aroma

Riħa: fwieħa delikata u pjaċevoli;

Togħma

Togħma: xotta, mimlija togħma, armonjuża.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	4,5
Unità ta' aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima: 12,00 %;

"Fara":

— estratt minimu mingħajr zokkor: 20,0 gramma għal kull litru.

"Fara" inkluż li jġib it-terminu "Vigna":

— estratt minimu mingħajr zokkor: 21,0 gramma għal kull litru.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Fara inkluż li jġib it-terminu "Vigna"

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Kulur: aħmar lewn ir-rubin, kultant bi ħjiel ta' granata ħafifa;

Aroma

Riħa: karatteristika, delikata, pjaċevoli;

Togħma

Togħma: xotta, mimlija togħma, armonjuża.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	5,0
Unità ta' aċidità totali minima:	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

— qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,50 %

— estratt minimu mingħajr zokkor: 21,0 gramma għal kull litru.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

—

Mhux applikabbli

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Fara

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	9 000
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Fara Riserva

Rendiment massimu

Rendiment massimu:	8 100
Unità ta' rendiment massimu:	kilogrammi ta' għeneb għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Nebbiolo N - Spanna

— Uva Rara N

— Vespolina N - Ughetta

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

L-għeneb maħsub għall-produzzjoni tal-inbejjed "Fara" għandu jiġi prodott fid-distretti amministrattivi muniċipali ta' Fara u Briona.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

1. Inbid

Sommarju tar-rabta

A) Dettalji taż-żona ġeografika

Fara, li tinsab mifruxa max-xmara Sesia, hija l-ewwel waħda mill-hekk imsejħa "muniċipalitajiet tan-Novarese". Hija qrib Monte Rosa, b'Monte Fenera fit-Tramuntana u l-Lagi Maggiore u Cusio fil-Majjistral. Tkopri żewġ muniċipalitajiet: Briona u Fara Novarese. Iż-żona tad-DOP ta' Fara tinsab parzjalment fuq plateaux tal-moraine u parzjalment fuq l-għoljiet. Fost il-prodotti taż-żona, il-pożizzjoni primarja tmur għall-għenba. Tista' tiftaħar b'aktar minn elf sena ta' esperjenza fil-kultivazzjoni tad-dwieli, raffinata mill-mogħdija taż-żmien, ibbażata fuq it-taħlita tat-terren u l-klima.

B) Dettalji tal-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott li jirriżultaw essenzjalment jew esklużivament mill-ambjent ġeografiku

Id-dwieli ta' Fara jitkabbru fuq in-naħa tal-Lvant tal-wied ta' Sesia. Iż-żona, li hi moraine twila u uniformi li testendi mit-Tramuntana għan-Nofsinhar, hija plateau predominantement tafli maqsum f'żewġ meded bl-għoljiet. F'termini ġeoloġiċi, dawn huma depożiti fluvjoglaċjali ffurmati matul it-tidwib tal-fronti tal-glaċieri. Huma magħmula minn materjali inizjalment trasportati mill-glaċieri, u sussegwentement miġbuda lura u risistemati minn kanali tal-ilma fornuti mit-tidwib tal-glaċieri nfushom. Għal dawn ir-raġunijiet, għandhom il-karatteristiċi tipiċi tad-depożiti alluvjali: daqsijiet differenti ta' partiċelli, klasti lixxi u grad ta' alterazzjoni skont l-età tad-depożitu. Speċifikament, id-depożitu ta' Fara u Briona jikkonsisti minn żrar u ċagħaq aħmar fil-kannella miksija b'paleosol taflija ħamra fil-kannella, bi promontorji okkażjonali ta' ċagħaq silikat mibdul. Iċ-ċagħaq ġej mill-istruttura Alpina li tifforma l-massif ta' Monte Rosa u l-għoljiet tal-wied ta' Sesia b'mod ġenerali, u ġew imnaqqara u ttrasportati matul mijiet ta' eluf ta' snin bil-forza tal-ilmijiet tax-xmara Sesia. Karatteristika partikolari taż-żona koperta mid-dežinjazzjoni hija li għandha ħamrija li tvarja minn subaċidika għal aċidika ħafna, minħabba l-livelli baxxi ħafna ta' ġebla tal-ġir. Barra minn hekk, ir-riħ kiesaħ li jonfoħ minn Monte Rosa u l-Alpi joħloq varjazzjonijiet termali bejn il-jum u l-lejl. Dan jgħin biex jiżviluppa profili aromatiċi uniċi, li jvarjaw minn ħxejjex mediċinali għal ħwawar, u jagħtu lill-inbejjed taż-żona struttura kumplessa u minerali ħafna. Il-karatteristiċi sensorji deskritti jintgħarfu b'mod ċar u huma attribwibbli esklużivament għal din iż-żona ta' produzzjoni.

C) Deskrizzjoni tal-interazzjoni kawżali bejn id-dettalji msemmijin fil-punt A u dawk imsemmijin fil-punt B

Sa mill-eqdem żminijiet, id-dwieli ilhom jitkabbru f'Fara għall-produzzjoni tal-inbid. Dawn issemmew mill-kittieb Plinju l-Kbir fl-ewwel seklu wara Kristu.

Sarkofagu Ruman ġie ppreservat f'Fara Novarese, li jista' jiġi datat għat-tieni seklu WK. Fuqu hemm iskrizzjoni li tgħid li s-sid kien jinnegozja prodotti agrikoli u nbid. Evidenza siewja hija disponibbli wkoll fir-rakkonti antiki tal-vitikultura.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Titolu tar-rekwiżit / tad-deroga

Dispożizzjonijiet għall-imballaġġ tal-inbejjed

Qafas legali

Leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit / deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit / tad-deroga

1. L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta garantita "Fara", fit-tipi kollha tagħha, iridu jiġu bbottiljati fi fliexken tal-istil ta' Bordeaux jew tal-istil ta' Bourgogne, magħmula minn ħġieġ sfumat, b'tapp tas-sufra bi flanġ.

2. Il-kapaċità tal-fliexken trid tkun hekk kif permessa mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ, iżda fi kwalunkwe każ mhux inqas minn 0,375 litru u mhux aktar minn 5 litri, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe kontenitur ta' 2 litri. Verżjonijiet ta' 6, 9 u 12-il litru huma permessi wkoll.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.masaf.gov.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/24147